# AVVIŻI

1. Se nerggħu nagħtu l-lista ta' dawk li jorganizzaw trasport għal-Laqgħat tal-Ġirgenti. Jekk hemm oħrajn ibagħtu għarrfuna.

- Ġuża Zahra – "Josant House", Magdalene Street, Dingli. Tel. 456275
- Teresa Camilleri – 23/4, Triq San Publiju, Floriana. Tel. 246596
- Rose Ciappara – "Paradise", Not. Em. Debono Street, Naxxar.
- Jane Aloisio – Providence Flats, No. 4, Triq it-Tifkira, Paola. Tel. 662859
- Lilly Micallef – Sliema. Tel. 311128

2. Nitolbu lil dawk li jaqilgħu xi grazzja, kbira jew żgħira, jiktbu kelmtejn lill-Editur tal-fuljett biex ikollna dokument f'idejna. Jekk ma tinqalgħux biex tagħtu dettalji rigward il-grazzja li tkunu qlajtu, tistgħu titolbu għal intervista mill-Editur. Jekk ikun hemm fejqan serju minn xi marda, ippruvaw iksbu ċertifikat ta' fejqan mingħand it-tabib jew professur. Dan hu importanti ħafna.

3. Numru ta' qarrejja ta' *Leħen il-Girgenti* bagħtu l-applikazzjoni għat-tesserament, li kienet fil-Fuljett No. 12 ta' Ottubru. Aħna ċerti li hemm ħafna oħrajn li għadhom m'għamlux bħalhom. Jekk hemm min ma fehemx fiex jikkonsisti t-Tesserament, nitolbuh isaqsi lil xi membru tal-Kumitat jew lil xi ħadd li hu diġà tesserat. Jekk għandek bżonn iktar fuljetti ikteb lill-Editur.

4. Navżaw ukoll li peress li kellna nistampaw tesseri ġodda, jista' jiġri li ddumu xi ftit ma tirċievu t-tesseri tagħkom.

5. Sar ħafna xogħol fil-post fejn niltaqgħu għat-talb. Hemm ħafna iktar xi jrid isir. Min jista' jgħin, tajjeb li javżana. Bħalissa għandna bżonn ta' ħaddied għal xi xogħol żgħir. It-tindif fil-post jiddependi mill-interess li nieħdu aħna lkoll. Agħtu daqqa t'id. Il-Madonna tkun tafħulkom.

6. Il-Kumitat javża li ħadd m'għandu jħalli xejn imdendel mal-istatwa tal-Madonna, il-Girgenti, speċjalment jekk dan ikun jiswa l-flus bħal xi ċurkett jew ġiżirana. Mhemmx bżonn ngħidu għaliex.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 13 JANNAR 1993 JITQASSAM BLA ĦLAS

**1993
XEWQAT MILL-ISBAĦ
GĦAS-SENA L-ĠDIDA
LILL-QARREJJA KOLLHA TA'
LEĦEN IL-GIRGENTI!**

**LIL ĠUŻA MIFSUD
NIXTIEQU JUM HIENI MIMLI
GRAZZJI TAS-SEMA
U XEWQAT TA' ĦAJJA TWILA
TA' ĦIDMA SPIRITWALI
FL-OKKAŻJONI TA'
EGĦLUQ SNINHA
FIS-27 TA' JANNAR 1993.**

## IT-TWELID TA' ĠESÙ

M'aħniex se nidħlu fid-dettalji ta' l-istorja tat-Twelid tal-Bambin Ġesù. Dawn l-aħħar granet smajna ħafna fuq din il-ġrajja li bidlet il-mixja tal-istorja tad-dinja. Imma, peress li l-biċċa l-kbira tal-insara jiċċelebraw il-Festa tal-Milied b'ħafna ferħ profan (stedini u *parties*, ikliet u divertimenti, ħargiet u ġiti barra mill-pajjiż) mingħajr ma jikkonsidraw il-qofol tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni, se nippruvaw nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn il-Milied bl-għajnejn spiritwali tagħna fir-realtà kif jaraha Alla stess. Ma nippretendux li se nifhmu l-kobor ta' dan il-misteru; imma b'xi osservazzjonijiet li nagħmlu, nistgħu naslu biex nifhmu aħjar is-sens tal-ħajja tagħna fejn għandna x'naqsmu ma' Alla, il-Ħallieq tagħna l-bnedmin.

Jekk inħarsu lejn dik it-tarbija mkebba bi ħrieqi, ġewwa maxtura, imdawra minn Marija u Ġużeppi, li kienu mitlufa f'estasi ta' mħabba u ferħ intimu, f'dawl ta' xi musbieħ inemnem f'għar għeri li ma kien joffri xejn ħlief satra u sliem, ma nindunawx bil-kobor tal-ġrajja li kienet għadha kif seħħet. Marija u Ġużeppi biss setgħu jifhmu x'kien ifisser it-twelid ta' dik it-Tarbija.

Naraw flimkien x'nistgħu nitgħallmu minn dan il-misteru profond.

Alla huwa infinit u ma jonqsu xejn! Aħna qatt ma nistgħu nifhmu x'inhu "infinit" jew "bla tmiem". L-immaġinazzjoni tagħna tista' tieqaf biss f'dak li naraw madwarna u ma tistax tkejjel ħlief bil-qisien ta' din id-dinja li ma jwasslux 'il bogħod wisq.

L-Iben ta' Alla huwa infinit bħall-Missieru u għandu l-milja ta' ferħ fih innifsu. Min-naħa l-oħra, nafu kemm m'aħna xejn għax nafu kemm aħna dgħajfin minn kull naħa li nħarsu lejna nfusna. Hawn xi uħud minna li juru għerf kbir kif naraw mill-invenzjonijiet tagħhom fil-qasam tax-xjenza. Imma dan jidher biss meta nqabblu bniedem ma' ieħor!... U x'inhu l-bniedem l-aktar għaref ħdejn Alla?... Lanqas daqs tikka ħdejn l-Univers kollu.

Safrattant it-Twelid ta' Ġesù, Bniedem–Alla, jurina biċ-ċar li fina hemm xi ħaġa tant kbira li saħħret 'l Alla!... tant kbira li Alla ma qagħadx jaħsibha biex Ibnu jieħu u jgħaqqad miegħu n-natura tagħna u jsir bniedem bħalna!... u dan biex jifdina mid-dnub u jsalvana!... Mela x'hemm kbir fina? Hemm kobor li Alla biss jista' jifhem; il-kobor tax-xebh tagħna miegħu. Dan ix-xebħ jinsab l-aktar fir-ruħ spiritwali tagħna li hi mogħnija b'intelliġenza u volontà. Imma aħna, l-ispiritwal qatt ma nistgħu nifhmuh f'din id-dinja, u għalhekk il-kobor li Alla ħalaq fina jibqa' misteru għalina. Minħabba dan il-kobor Alla ħabbna b'imħabba li tisboq kull imħabba li nistgħu nimmaġinaw meta nqisu dak kollu li Hu għamel għalina għalkemm m'aħna xejn ħdejh!

Mela l-Milied, għalina, għandu jfisser żewġ affarijiet: l-ewwel, li Alla Infinit ħabb lill-bnedmin b'imħabba bla qies; u t-tieni, li fil-bniedem hemm kobor spiritwali li aħna stess ma nistgħux nifhmu.

Niftakru dawn il-veritajiet meta mmorru nitqarbnu għax l-għaqda ma' Ġesù fl-Ewkaristija turi aktar bis-sħiħ il-verità ta' dak li qegħdin nikkunsidraw.

Inroddu ħajr 'l Alla ta' kull ma għamel u qed jagħmel għalina l-bnedmin, l-aktar li għażel lill-Marija Santissma biex tkun Omm Ġesù, u, fl-istess ħin, tkun Ommna wkoll għax aħna sirna ulied adottivi ta' Alla. Nitolbu lil din l-Omm biex tidħol għalina quddiem Alla sabiex tikber il-fidi fina u taqlgħalna l-grazzji li għandna bżonn.

**L-Editur**

## IL-MERTU TAT-TALB U L-OPRI TAJBA

Fil-fuljett ta' Ottubru, Numru 12, meta jiena ktibt fuq it-Tesserament u l-profitt spiritwali li l-Membri tal-Moviment jistgħu jiksbu mit-talb u s-sagrifiċċji ta' sħabhom kien hemm min ma fehemx sew u talabni spjegazzjoni. L-idea tal-għaqda fit-talb ġietni minħabba li jaslulna ħafna ittri fejn jitolbuna noffru t-talb tagħna għall-bżonnijiet tagħhom biex jaqilgħu xi grazzja speċjali jew xi għajnuna mingħand il-Madonna.

L-ewwelnett jeħtieġ inkunu nafu kif, b'egħmilna, aħna nistgħu nimmeritaw quddiem Alla. Ġesù li kien Bniedem–Alla, kellu mertu infinit f'dak kollu li kien jagħmel. Għalhekk Ġesù seta' jifdina u jimmeritalna l-Ġenna. Hu reġa' ħabbibna ma' Alla u ġabilna l-Grazzja tiegħu.

Meta aħna nitolbu, nagħmlu sagrifiċċji u opri tajba jew noffru 'l Alla t-tbatijiet li jkollna, aħna jkollna sehem mill-mertu infinit li Ġesù rebaħ b'demmu għalina.

Biex timmerita trid tkun fil-grazzja ta' Alla. Imma, dawk li mhumiex, jistgħu jipprofittaw ukoll mit-talb u l-opri tajba tagħhom u ta' l-oħrajn, għax dawn igħinu biex iwasslu lill-midneb għall-indiema u l-konverżjoni.

Il-kobor tal-mertu li niksbu jiddependi mill-kobor tal-Grazzja fir-ruħ tagħna. Aktar ma tkun qaddis aktar taqla' mertu quddiem Alla. Għalhekk il-Madonna hija qaddisa hekk kbira. Is-Santi Padri jgħidulna li Marija, sa minn twelidha, kienet qaddisa aktar mill-Anġli u l-Qaddisin kollha! Aħseb u ara x'kienet meta mietet!

Issa dan il-mertu spiritwali jħdem fi tliet manjieri:

1. – Iħassar "id-dejn spiritwali" (kollu jew parti minnu) li aħna jkun ħaqqna quddiem Alla meta nidinbu. Dan id-dejn jew "piena" trid titpatta f'din id-dinja jew fil-purgatorju. Dan il-mertu ta' Tpattija nistgħu noffruh għal ħaddieħor. Flok ma naqilgħu l-maħfra tal-piena tagħna, il-mertu tagħna jmur biex ipatti għall-piena li għaliha l-erwieħ qegħdin ibatu qabel ma jmorru l-Ġenna.

2. – It-tieni effett tal-mertu hu li nkunu nistgħu naqilgħu grazzji mingħand Alla. Mhux dejjem naqilgħu dak li nitolbu, jew għax nitolbu ħażin u bla fidi, jew dak li nixtiequ naqilgħu ma jkunx għall-ġid tagħna jew għall-glorja ta' Alla. Imma Alla dejjem jagħtina xiħaġa aħjar milli nkunu qed nitolbu. Għalhekk m'għandniex naqtgħu qalbna mit-talb.

Meta nitolbu għal ħaddieħor, inkunu qed nitolbu 'l Alla biex flok ma jagħti grazzji lilna jagħtihom lil ħaddieħor. Huwa dan il-mertu li għandu jgħaqqadna fil-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Aħna ningħaqdu biex nitolbu għal xulxin. Kull wieħed minna jkollu sehem mill-ġid spiritwali ta' dan il-moviment li hu wkoll parti mit-teżor spiritwali tal-Knisja Universali, għax talbna jingħaqad mat-talb kollu li jsir fil-Knisja kollha.

3. – It-tielet effett tal-mertu li naqilgħu għal kull ma nagħmlu tajjeb għal Alla, hu li aħna nitqaddsu aktar peress li tikber fina l-Grazzja ta' Alla. Dan il-mertu hu kollu personali, jiġifieri jkollu effett fina biss u ma nistgħux inċeduh lil ħaddieħor.

Mela allavolja noffru t-talb tagħna għal ħaddieħor, jibqgħalna dejjem profitt spiritwali minn kull talb li nagħmlu.

Wara din l-ispjegazzjoni nittama li kulħadd fehem kemm hu ta' ġid li nissieħbu fil-Moviment tal-Madonna għax inkunu ċerti li hemm ħafna li jitolbu għalina kif ukoll aħna nitolbu għalihom. Alla jħobb ħafna t-talb għal ħaddieħor għax dan juri bil-fatti l-imħabba għall-proxxmu tagħna. Nagħmluha ċara li aħna nitolbu għal kulħadd u mhux għat-Tesserati biss. Inħallu t-talb tagħna f'idejn Ommna Marija biex tiddisponi mill-mertu tagħna skond ix-xewqa tagħha u ta' Binha Ġesù.

Inħeġġeġ lil min għadu ma applikax biex jissieħeb f'dan il-Moviment, biex japplika mill-aktar fis. S'issa hemm aktar minn 800 Tesserat. Jekk hemm bżonn, avżawni biex nibgħatilkom formoli ta' l-applikazzjoni kemm tridu. Min irid aktar tagħrif jista' jiktibli u jien inwieġbu personalment.

Iktbu lill-Editur:
Brother Victor Privitera F.S.C., B.A.,
Stella Maris College,
Gżira GŻR 04.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

*1. Mill-ittra ta' Doris Scalpello minn Belt il-Ġmiel, bid-data tat-8 ta' Ottubru, 1989.*

Sa minn Ottubru 1988, din is-Sinjura ħasset uġigħ f'daharha li nfirex għall-spallitha u għonqha. L-uġigħ kien igħaddilha meta kienet tieħu l-pilloli u jerġa' jaqbadha meta kienet tieqaf teħodhom.

Fi Frar 1989 it-tabib bagħatha l-isptar għal *X-Ray* ta' idha x-xellugija għax ma setgħet tagħmel xejn biha u kien se jkollha tagħmel operazzjoni fiha. Aktar tard, l-ispeċjalista ta l-pilloli u ordnalha tilbes kullar ma' għonqha għal tliet xhur sħaħ, sitt sigħat kuljum. Dan kien f'Mejju 1989, kif juri ċ-ċertifikat tat-tabib. B'danakollu baqgħet l-istess u ġiet f'estremità li lanqas setgħet tiġbor xi ħaġa li tkun waqgħetilha u kellha tuża sieqha biex tipprova tiġborha.

Fid-9 ta' Lulju 1989, Doris, ir-raġel tagħha u binhom, żagħżugħ ta' 17-il sena, ħarġu jagħmlu dawra u marru l-Girgenti, fejn qatt ma kienu marru qabel. L-ittra tkompli kif ġej:

"Kif wasalna, it-tifel dar fuqi u qalli: 'Ma. Tgħid veru li tidher il-Madonna?' Jien irrispondejtu li ma kontx nafu u li, però, hekk kienu jgħidu. It-tifel, dak il-ħin, ġieh qisu bard kbir fuqu u qalli: 'Il-Madonna tidher imdejqa!' Jien għedtlu li hekk kienet tidher, forsi għax qegħda abbandunata. 'Ejja ngħidu r-rużarju.'

Kif bdejna ngħidu r-rużarju u wasalna fit-tieni posta, ħassejt uġigħ kbir f'għonqi. Meta t-tifel u r-raġel staqsewni xi ġrali, għedtilhom: 'Issa sew, x'uġigħ akbar għandi f'għonqi, f'daqqa waħda.' Komplejna r-rużarju.

Waqt li konna sejrin lura d-dar bil-karozza, kif għamilna distanza żgħira, it-tifel, li kien riekeb fuq wara, qalli xi ħaġa u peress li jiena kont quddiem dawwart rasi biex inwieġeb u b'għaġeb kbir tiegħi indunajt li la kelli uġigħ iżjed f'għonqi u lanqas f'idejja. Dak il-ħin bdejt nagħmel ħafna movimenti

biex nara għadx hemm uġigħ għax ma ridtx nemmen lili nnifsi. L-uġigħ tant għaddieli li, minn dakinhar, qatt ma ilbist aktar il-kullar u erġajt bdejt ħajja normali billi stajt nagħmel kollox u l-uġigħ ma erġajtx ħassejtu."

*2. Dak li ma qalux il-gazzetti, f'car accident.*

F'intervista li għamilt lil Mrs. Mary Massa, omm iż-żagħżugħ Nathaniel li kien qed isuq il-Land Rover meta ġara dak l-aċċident fit-triq il-ġdida tal-mini, fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru 1992, smajt ħafna dettalji li juru kif il-Madonna indaħlet biex teħles liż-żgħażagħ mill-konsegwenzi tal-ġrieħi gravi li setgħu jġibu saħansitra l-mewt.

It-telefon ċempel fis-1.00 a.m. tas-Sibt, 4 ta' Ottubru. Il-Profs Daniel u l-mara tiegħu Mary ġew imgħarrfa li binhom Nathaniel kien jinsab l-isptar. Malajr telqu mill-Mellieħa fejn joqogħdu, u Mary, li għandha devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ħasbet tieħu magħha l-ilma tal-Girgenti, xi laptijiet u l-kuruna li kienet tatha Ġuża Mifsud. Sakemm waslu l-isptar, Mary il-ħin kollu baqgħet taħseb li se ssib lil binha kważi mejjet jekk mhux mejjet għal kollox.

L-isptar, Daniel u Mary sabu lill-erba' żgħażagħ stenduti fuq l-i*stretcher*, fl-*Emergency*. Nathaniel kellu ġerħa f'għonqu, wara widintu u nasu maqsum bi ħġieġa kannella li ma kinetx tal-Land Rover. Tnejn mit-tfajliet kienu għadhom mitlufin minn sensihom b'*concussion*; imma l-agħar kienet Romina li kienu diġà ħasbu li mietet. Mal-ħabta tal-karozza mas-*centre strip*, bid-daqqa, iż-żgħażagħ taru mil-Land Rover. L-erbgħa nġabru mitlufin minn sensihom. L-aċċident kien ikrah ferm. Sadattant, tlieta minnhom ħarġu mill-isptar xi tlett ijiem wara, (minbarra Romina li damet ftit ġranet aktar), bi ġrieħi li kienu xhieda ta' dak li kien ġralhom.

Mary qaltli li hi kienet dejjem titlob lill-Madonna biex Hi tħares liż-żgħażagħ tagħha u ta' l-oħrajn. Id-dar tagħha hemm inkwadru kbir tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, bid-dawl u fjuri quddiemu. Meta tal-familja joħorġu mid-dar, qabel, imorru jsellmu lill-Madonna; u hekk jerġgħu jagħmlu meta jidħlu lura. Hekk darrie-thom Mary. Xi jiem qabel l-aċċident, Mary ħasset li kellha tqiegħed il-kuruna tagħha fil-Land Rover għal akbar protezzjoni tal-Madonna. Bl-ilma tal-Girgenti li ħadet magħha l-isptar, Mary qagħdet taħsel wiċċ iż-żgħażagħ u talbet bil-qalb biex il-Madonna ma tħalli lil ħadd minnhom imut, imma tfejjaqhom malajr.

Dettalji oħra ġew mogħtija fil-gazzetti lokali.

Mary żvelatli dan li ġej, li se nirrapporta fi kliemha stess:

"Wara li għamluli appuntament ma' Ġuża Mifsud, jiena u Daniel, morna għandha biex jien naqsam l-esperjenza tiegħi magħha u nirringrazzja lill-Madonna hemm stess, magħha... It-tifel ġie magħna. Dan kien l-Erbgħa ta' wara l-aċċident. Jien lil Ġuża m'għedtilha xejn fuq kif ġara l-aċċident, ħlief: 'Xi grazzja tatna l-Madonna! Kellu aċċident it-tifel, u qed inħoss xi grazzja kbira tatna l-Madonna u rrid nirringrazzjaha għax kulħadd ħareġ qawwi u sħiħ!...' Inżilna għarkobbtejna lkoll, anke t-tifel. Għedna r-ružarju ma' Ġuża u meta spiċċajna, dehret bħal dieqa fuq wiċċ Ġuża qisha qed tara xi ħaġa, u bdiet sejra tgħid: 'Dik ir-rota... dik ir-rota...' (għall-i*steering wheel*). F'qalbi għedt: 'X'inhi tgħid, x'inhi tgħid?' F'daqqa waħda waqt li aħna qagħdna kwieti, wiċċha reġa' ħa d-dawl u sar qisu trasparenti. Bdiet titbissem qisha qed tara xi ħaġa sabiħa. F'daqqa waħda ħarset lejn it-tifel u qaltlu: 'Int, żagħżugħ, tista' tgħid li twelidt mill-ġdid! Tista' tgħid li dakinhar twelidt mill-ġdid! Dakinhar xi grazzja tatek il-Madonna! Ha ngħidlek, il-Madonna, Hi stess ġiet tneħħilek kollox min-nofs li seta' jweġġgħek, iweġġagħkom. Dik ir-rota kienet se tinfaqa' ġo sidrek! Il-Madonna ġiet Hija stess tneħħilkom kollox!'"

L-għada tad-diżgrazzja, il-Ħadd, Mary ġiet meħudha fil-post stess fejn korrew dawk iż-żgħażagħ u setgħet tifhem aħjar xi grazzja kbira l-Madonna tathom meta rat dak il-ħadid tal-*barrier* mgħawweġ li seta' faċilment joqtolhom.

Il-fatt li Ġuża uriet li kienet taf x'ġara u kif il-Madonna skansat liż-żgħażagħ mill-mewt huwa xhieda awtentika tal-protezzjoni li Ommna Marija tat lil dawk iż-żgħażagħ.

Il-Professur Daniel u l-mara tiegħu Mary, kienu ħerqana li din il-grazzja tiġi mxandra f'dan il-fuljett biex jirringrazzjaw lill-Madonna pubblikament, għax huma konvinti li din il-grazzja hija tant kbira li tista' tissejjaħ "miraklu".

**L-Editur**

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.